Nru. 18,273
Prezz/Price
€0.19 (Lm0.08)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 30 ta' Ġunju, 2008
Monday, 30th June, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2008 Nru. VI

Anno Domini 2008 No. VI

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) George Hyzler
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fid-29 ta' Ġunju, 2008, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 29 ta' Ġunju, 2008.

B'Awtorità,

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) George Hyzler
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 29th day of June, 2008, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., M.D., do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 29th day of June, 2008.

By Authority,

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 67

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Kerċem - Għawdex

Nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Lulju 2008 mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Orivieto.

Nhar il-Ħamis, l-10 ta' Lulju 2008 mit-8.00 p.m. 'il quddiem minn Av. Calleja, Pjazza San Girgor u Pjazza S.Busuttil.

Nhar il-Ġimgħa, l-11 ta' Lulju 2008 mit-8.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Għajn Tuta, Pejpu, Pjazza Orivieto, Sarġ, San Pietru u San Pawl, San Girgor.

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Lulju 2008 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Orivieto, Av. A Calleja, Kalandrijiet, Ġużeppi Briffa, San Girgor, Ġużè Flores, Kerċem u Pjazza Salvatore Busuttil.

Nhar il-Ħadd, it-13 ta' Lulju 2008 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Av. A Calleja, San Pietru u San Pawl, Kalandrijiet, Pjazza tal-Knisja, Pjazza Orivieto, Kerċem, Il-Bies, San Girgor, Pjazza S. Busuttil, G.Briffa, Madre Margerita Debrincat u Sarġ.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-30 ta' Ġunju, 2008

POLICE NOTICE

No. 67

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Kerċem - Gozo

On Wednesday, 9th July 2008 from 7.00 p.m. onwards through Pjazza Orivieto.

On Thursday, 10th July 2008 from 8.00 p.m. through Triq Av. Calleja, Pjazza San Girgor and Pjazza S.Busuttil.

On Friday, 11th July 2008 from 8.00 p.m. onwards through the following streets: Għajn Tuta, Pejpu, Pjazza Orivieto, Sarġ, San Pietru u San Pawl and San Girgor.

On Saturday, 12th July 2008 from 8.00 a.m. onwards through onwards the following streets: Pjazza Orivieto, Av. A Calleja, Kalandrijiet, Ġużeppi Briffa, San Girgor, Ġużè Flores, Kerċem and Pjazza Salvatore Busuttil.

On Sunday 13th July 2008 from 10.00 a.m. onwards through the following streets: Av. A Calleja, San Pietru u San Pawl, Kalandrijiet, Pjazza tal-Knisja, Pjazza Orivieto, Kerċem, Il-Bies, San Girgor, Pjazza S. Busuttil, G.Briffa, Madre Margerita Debrincat, Sarġ.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

30th June, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 44 ta' l-2008

Tellieqa bil-Jottijiet bejn Malta u Sirakuża

Ir-Royal Malta Yacht Club flimkien mal-Lega Navale Siracusa se jorganizza l-bidu tat-tellieqa bil-jottijiet bejn Malta u Sirakuża nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 2008 mill-Port ta' Marsamxett.

Għandu jkun hemm għadd ta' tlielaq, li se jsiru direttament minn quddiem il-Forti Manoel bejn id-9.00 a.m. u l-11.00 a.m. Il-parteċipanti se joħorġu mill-Port ta' Marsamxett u jiġbdu lejn il-Grigal fid-direzzjoni ta' Sqallija.

Minħabba dan ta' hawn fuq, ngħarrfu lill-baħħara li Marsamxett se jkun magħluq għat-tbaħħir bejn id-8.45 a.m. u l-11.15 a.m. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet li joħorġu mill-Valletta Port Control (VTS).

Chart affettwata: BA 177.

It-30 ta' Ġunju, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 44 of 2008

Malta Syracuse Yacht Race

The Royal Malta Yacht Club in conjunction with the Lega Navale Siracusa will be holding the start of the Malta Syracuse Yacht Race on Saturday, 12th July 2008 in Marsamxett Harbour.

There will be a number of starts, which will take place directly opposite Fort Manoel between 9.00 a.m. and 11.00 a.m. The participants will exit Marsamxett Harbour and proceed in a North Easterly direction to Sicily.

In view of the above, mariners are informed that Marsamxett Harbour will be closed for traffic between 8.45 a.m. and 11.15 a.m. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (VTS).

Chart affected: BA 177.

30th June, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Msida.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

It-30 ta' Ġunju, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Msida.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th June, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Valletta, nhar it-Tlieta 1, l-Erbgħa 2 u l-Ħamis 3 ta' Lulju, 2008 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Msida.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

It-30 ta' Ġunju, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Tuesday 1st, Wednesday 2nd and Thursday 3rd July, 2008 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Msida.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th June, 2008

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD)	€11.65 (Lm5.00)
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	€6.99 (Lm3.00)
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	€2.33 (Lm1.00)
Code of Ethics for Members of the Judiciary	€2.33 (Lm1.00)
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	€4.19 (Lm1.80)
Diskors tal-*Budget* 2008	€2.33 (Lm1.00)
Economic Bulletin – July 2007	€4.66 (Lm2.00)
Economic Survey 2007	€4.66 (Lm2.00)
Electoral Register, April 2008	€24.18 (Lm10.38)
Electoral Register, Local Councils, April 2008	€94.54 (Lm40.59)
Estimates 2008	€4.66 (Lm2.00)
Financial Report 2007	€6.99 (Lm3.00)
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	€1.16 (Lm0.50)
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	€2.33 (Lm1.00)
Legal Notices and Bye-Laws 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Malta's Parliament – An Official History	€41.93 (Lm18.00)
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	€4.08 (Lm1.75)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	€2.33 (Lm1.00)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	€0.58 (Lm0.25)
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	€4.08 (Lm1.75)
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – School Information System – Education Division	€4.66 (Lm2.00)
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	€3.49 (Lm1.50)
Portfolio Assessments	€9.32 (Lm4.00)
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	€16.31 (Lm7.00)
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	€3.49 (Lm1.50)
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
The Press Act	€1.16 (Lm0.50)
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	€6.99 (Lm3.00)
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	€4.66 (Lm2.00)

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*